2024/2504

24.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2504

tat-23 ta' Settembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2012/285/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK [1].

(2) Skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK, il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau, u jqis li jenħtieġ li persuna waħda titneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, kif stipulat fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni, u li jenħtieġ li tliet persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, kif stipulat fl-Anness III ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2012/285/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. FELDMAN

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/237/PESK (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 36).

ANNESS

(1) Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK (Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1(1)(b)), titħassar l-entrata li tikkonċerna lill-persuna elenkata hawn taħt:

"16. Logutenent Julio NA MAN".

(2) Fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2012/285/PESK (Lista ta' persuni, entitajiet jew korpi msemmijin fl-Artikolu 2), jitħassru l-entrati li jikkonċernaw lill-persuni elenkati hawn taħt:

"13. Tchipa NA BIDON

16. Idrissa DJALÓ

21. Logutenent Julio NA MAN".